MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1482/1998/1

Avviz Nru:-1482/98DM

Marcel u Lauren konjugi Mizzi

vs

Josephine Grech f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Chris u Lara ahwa Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' Lm328.80c (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu) oltre l-imghax legali mis-17 ta' Dicembru 1993, hlas ta' sehemhom tal-hajt divizorju bejn il-villa proprjeta' taghhom jisimha L'Arche, Triq Salvu Bonanno, San Gwann u l-fond tal-atturi 22 Triq Salvu Bonanno, San Gwann u dan

skond rapport tal-Perit Paul Camilleri mahrug fis-17 ta' Dicembru 1993.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Lulju 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Grech pro et noe fejn eccepiet illi:

1 Fl-ewwel lok il-konvenuta Josephine Grech hija armla u miz-zwieg illi kellha, ghandha zewgt (2) itfal Chris u Lara ahwa Grech li ghadhom minuri, pero illi jista' jkun illi din il-Qorti jidhrilha li l-interessi <u>"ut sic'</u> tal-konvenuta Josephine Grech jistghu ma jkunux dawk tal-konvenuti minuri, u ghalhekk fl-ewwel lok dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeciedi jekk l-armla konvenuta Josephine Grech ghandhiex ukoll tkun il-legittima rapprezentanti ta' wliedha minuri Chris u Lara ahwa Grech fic-cirkostanzi, u ghalhekk dan huwa l-ewwel punt li qieghed jingab bhala eccezzjoni a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

2 Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-partijiet kontendenti huma girien ta' xulxin, fejn pero l-atturi m'applikawx il-principju tal-'buon vicinat', peress illi l-atturi dejjem irrifjutaw li jikkomunikaw bonarjament mal-konvenuta jew konvenuta pro. et noe f'dan ir-rigward, a bazi ta' l-allegat hlas dovut kif qed jitolbu l-atturi fl-avviz odjern;

3 Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni in linea preliminari, il-konvenuta Josephine Grech ma taqbilx li hemm dovut is-somma ta' tliet mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm328.80) jew xi imghax legali dovut fuq dak l-ammont mis-17 ta' Dicembru, 1993, billi l-fatt hu illi l-konvenuta dejjem ippruvat tramite l-Arkitett u Inginier Civili taghha biex tiehu l-kejl tal-hajt divizorju involut, imma l-atturi dejjem holqu inkonvenjenzi, u ghalhekk ikun irid f'kull kaz jinhatar Perit Arkitett u Inginier Civili sabiex jisma' l-provi relatati ma dan il-hajt divizorju stante li hemm parti minnu li qieghed taht l-art u li fil-fatt ma tmissx mal-qasma divizorja, u minn hemmhekk irid jinbena u jinhadem il-kont li attwalment ikun dovut, u ghaldaqstant il-konvenuta pro. et noe,

dejjem fid-dawl ta’ l-ewwel eccezzjoni in linea preliminari, ma taqbilx li hi ghandha thallas is-somma msemmija fl-avviz odjern, jew xi imghaxijiet legali, jew xi forma ta’ spejjez, billi r-rapport irrilaxxat mill-Perit Paul Camilleri datat 17 ta’ Dicembru, 1993, ghandu fl-ewwel lok jigi esibit f’kopja awtentikata u dokumentata mill-istess Perit, u fit-tieni lok dan il-perit tqabbad ‘ex parte’, u ghalhekk il-kont rilaxxat minnu ma jista’ qatt ikun rikonoxxut da parti tal-konvenuta pro. et noe minghajr ma jkun hemm qbil dwaru mill-Perit Arkitett u Inginier Civili ta’ l-ghazla taghha, u stante li dwar dan ma kienx hemm qbil, allura issa ser tkun dina l-Onorabbli Qorti li tahtar Perit Arkitett u Inginier Civili biex ikun jista’ jisma’ l-provi kollha relatati ma’ dan il-kaz, jirrelata, u anke johrog kont gustifikat skond il-provi li jirrizultawlu;

4 Fic-cirkostanzi l-konvenuta m’ghandha thallas ebda spejjez, la ta’ l-ittra legali ta’ l-20 ta’ Lulju, 1998 u lanqas ta’ xi forma ta’ l-ingunzjoni, apparti mill-fatt li sejra issa tigi sollevata eccezzjoni in linea preliminari ohra;

5 In linea preliminari wkoll, abbinata ma’ l-ewwel eccezzjoni preliminari indikata fl-ewwel eccezzjoni f’din in-Nota ta’ l- Eccezzjonijiet, il-konvenuta pro. et noe qieghda tissolleva l-preskrizzjoni a bazi tal-ligi, stante li t-talba ghall-hlas t’appogg jew xi imghaxijiet legali dovuti fuqhom, ma saritx in konformi ma l-istitut tal-preskrizzjoni kif indikat fil-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk it-talba ta’ l-atturi hija preskritta skond il-ligi;

6 Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri, hemm fuq bazi legali, kif ukoll fil-mertu..

Rat id-digriet tal-11 ta’ Dicembru 1998 fejn gie nominat bhala perit tekniku lil AIC Joseph Mizzi.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Apparti l-eccezzjonijiet fil-mertu, l-konvenuta bl-ewwel, it-tieni u l-hames paragrafi tan-nota tal-eccezzjonijiet taghha ssollevat eccezzjonijiet preliminarji li ghandhom jigu ttrattatti qabel il-kwistjoni fil-mertu.

Bl-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jitolbu lill-Qorti biex tiddecidi hi jekk il-konvenuta, l-armla Josephine Grech, ghandhiex tirrapprezenta lit-tfal minuri taghha, l-konvenuti l-ohra Chris u Lara Grech. Izda ghalkemm ghamlu accenn illi l-interess tal-konvenuti jista'mhux interess wiehed, ma gabu ebda prova indikattiva li l-interess ta' wiehed mill-konvenuti jista' jkun differenti minn ta' l-iehor, u lanqas xi prova illi l-armla ddekadiet mill-*patria potestas* taghha fuq il-minuri, ulieda, jew b'xi mod iehor tilfet ir-rapprezentanza guridika ta' uliedha l-minuri.

Ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-eccezzjoni ossia ta din it-talba tal-konvenuti.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni, l-fatt illi l-atturi rrifjutaw li jikkommunikaw bonarjament mal-konvenuta ma jfissirx illi dawn gew prekluzi milli jagixxu quddiem il-Qorti sabiex jitolbu dak li jippretendu li huma d-drittijiet taghhom. Ghaldaqstant qedghha tirrespingi din it-tieni eccezzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-hames eccezzjoni fejn il-konvenuti opponew il- preskrizzjoni ghat-talba attrici, huma ma ghamlu ebda riferenza ghal liema wahda mill-preskrizzjonijiet kontemplati mill-Kodici Civili illi huma qieghdin jinvokaw biex jirribattu t-talba attrici u lanqas ma gabu ebda prova li tirrigwarda xi dati rilevanti biex wiehed jkun jista' jikkunsidra xi perjodu li huma setghu jew jistghu jindikaw fil-futur. Ghaldaqstant issib illi din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhiex sorretta la mill-provvedimenti tal-procedura u lanqas mill-provi u ghalhekk qedgha tirrespingi ukoll din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, ghandhu jinghad mill-ewwel illi t-talba ghall-imghax legali b'effett mis-17 ta' Dicembru 1993 minghajr ebda prova illi qabel dawn il-proceduri kienet saret digia' xi talba ghal dawn l-imghax b'xi att gudizjarju, l-imghax legali jistghu jibdew jiddekorru biss mill-prezentata ta' dan l-avviz u cioe'mit-28 ta' Lulju 1998.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm328.80 (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu) bhala s-sehem tal-konvenuti mill-valur tal-hajt tal-appogg, il-Qorti nnominat bhala perit tekniku lil AIC Joseph Mizzi, li fir-relazzjoni tieghu, wara li ezamina l-konfigurazzjoni u l-estensjoni tal-hajt divizorju, stabilixxa l-kejl u kkonferma r-rapport maghmul mill-AIC Paul Camilleri, perit inkarigat mill-atturi, u llikwida l-ammont dovut mill-konvenuti bhala s-sehem taghhom mill-valur tal-hajt divizorju li appoggaw mieghu fis-somma mitluba ta' Lm328.80 (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu).

Wara li l-Qorti semghet lill-perit tekniku jiddeskrivi l-mod kif huwa wasal ghal konkluzzjonijiet tieghu, issib illi taqbel mall-istess konkluzzjoni peritali, tadottahom u taghmilhom taghha u tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti bhala sehemhom mill-valur tal-hajt divizorju indikat fl-avviz fis-somma ta' Lm328.80 (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu) u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi dan l-ammont.

Il-Qorti pero' ma tistax tiehu konjizzjoni ta' xi hsarat illi l-perit irriskontra fil-proprjeta' tal-konvenuti billi ma saret ebda talba kontro-talba dwarhom u l-kawza ta' dawn il-hsarat hija separata u distinta mill-kawza tal-azzjoni kif proposta mil-atturi b'dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qedghha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm328.80 (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu) ghar-ragunijiet

indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-28 ta' Lulju 1998;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------